# LEĦEN IL-MALTI

ID-DSATAX-IL SENA LULJU-SETTEMBRU, 1949 Għadd 221-223

## *Guzè Chetcuti—il-Poeta tal-Familja*

*Studju Kritiku tal*-PROF. Ġ. AQUILINA
B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

FIS-SNIN kollha li ili naf lil Chetcuti — u ili nafu madwar dsatax-il sena, jiġifieri għall-bidu tal-moviment Malti ta' l-Università — dejjem nafu jħobb ħaġa waħda aktar minn kull ħaġa oħra u jitħaddet fuqha bl-akbar ħeġġa. Dil-ħaġa hija l-Poeżija. Meta konna t-tnejn żgħażagħ fl-aħjar tal-ħajja, iż-żmien meta l-qalb tħoss l-aktar iż-żegħila sħuna tad-demm qawwi jbaqbaq fil-vini, kien iħobb jiġi għandi fid-dar tal-Birgu fejn kont noqgħod meta kont għadni student, u fil-mixjiet twal tagħna n-naħa tal-Liedna konna nħobbu nitħaddtu fuq il-letteratura Maltija, li dik il-ħabta bħal tarbija fil-fisqija kienet għadha titrabba u trid min jieħu ħsiebha sewwa. Ħafna mill-poeżijiet li jinsabu miġbura fil-ktieb "Poeżiji" (1945) niftakar sewwa meta Chetcuti kitibhom għaliex kien qrahomli qabel u l-fehma tiegħi ma kienx ibarriha Imma fuq dan iż-żmien daqsxejn imbiegħed, żmien li għandu x'jaqsam sewwa mal-formazzjoni ta' moħħu u qalbu, nisimgħu lil Chetcuti jgħidilna kif xegħel ġo fih l-ewwel xrar tal-għanja Maltija :—



*Għaddew aktar minn tnax-il sena meta l-poeżija ta' Dun Karm ħassejtha tiġbidni u ssaħħarni għall-ġmiel u għall-qawwa*

*tal-Ilsien Malti. Kienet is-sejħa għall-Poeżija? Hekk naħseb. Niftakar l-ewwel poeżija li ġiet f'idejja kienet "Warda li tgħid Ġrajjietha." Għoġbitni; tħajjart nagħmel xi ħaġa tixbahha, imma billi minn dejjem ħassejt li għandi nkun kritiku tiegħi nnifsi, għaddejt dik il-Poeżija—mhux għax jistħoqqilha tissejjaħ poeżija —mill-għarbiel tal-kritika tiegħi, u ma domtx wisq ma ħraqtha. Dik il-ħabta beda jiġi f'idejja "Il-Malti" u minn hemmhekk beda l-ġenn tiegħi għall-kitba u għall-poeżija. Kont nikteb ħafna, u nifraħ b'dak li nikteb, biss wara ftit dak il-ferħ kien igħaddi, u l-ħafna tqabbiliet li kont inħażżeż kienu jsibu ruħhom fin-nar. Xi drabi waħda jew tnejn minnhom kienu jidhru stampati, u dak kien ikun għalija biżżejjed biex l-immaġinazzjoni tixgħel mill-ġdid u joħorġu qabda poeżiji oħra, jew aħjar, versi mqabbla bla ħajja u bla lewn, li kienu biss jieħdu lewnhom ġon-nar meta jsiru rmied.*

Jidher li Dun Karm kellu seħer kbir fuq Chetcuti bħalma kellu seħer fuq kull poeta ieħor Malti iżgħar minnu. Għax kull min jibda jiġġerra mat-telgħat ta' l-Elikona Maltija ma jistax ma jiltaqax miegħu fil-quċċata, iħobbu u jimitah għall-inqas għal xi żmien, sa ma l-poeta iżgħar isib u jafferma l-indipendenza tiegħu. Dun Karm lil Chetcuti żagħżugħ influwenzah ħafna bħalma influwenza ħafna lil Delia, għax min tħobbu jiġbdek u Dun Karm lil Chetcuti, ammiratur tiegħu, ġibdu sewwa.

Qajjem f'widnejk il-mewġ tar-ritmu tal-poeżija "Il-Musbieħ tal-Mużew", u ara kif tarġa' tħossha din il-mewġa fil-għanja ta' Chetcuti "Il-Paċi" (Melita Invicta) :

*Dik kienet ħalfithom:*
*Min jaf jekk is-snin*
*Għadx jidfnu dil-ħalfa*
*Ta' nies magħqudin,*

*U nerġgħu fuq rasna*
*Jinqaleb, idur,*
*Jittajjar bħal ajkla,*
*Ħafif daqs għasfur,*

*Naraw ġej għal fuqna*
*Daqsxejn t'ajruplan,*
*Tad-dinja ta' taħtu,*
*Ħakkiem u sultan.*

*U jifrex il-ħerba;*
*Mur żommu, ġa mar,*
*Warajh ħalla l-ħasra*
*U l-qirda tan-nar.*

F'dawn il-versi tħoss diwi wkoll mill-poeżija l-oħra ta' Dun Karm "Qalbieni". U tħoss diwi tiegħu wkoll fil-poeżija "Iż-Żmien" (Poeżiji)—aqraha u qabbilha mal-"Kelma".

Imma mhux Dun Karm biss għaġen lil Chetcuti. Għaġnu wkoll, għalkemm inqas, Cuschieri. Jekk taqra l-poeżija "Nemmen" (Poeżiji) lil Cuschieri tħossu sewwa, u miegħu, għalkemm inqas, tħoss ukoll lil Dun Karm fil-"Warda li tgħid Ġrajjietha". Aqra dawn il-versi u tara kif f'widnejk tisma' l-mewġa ta' qtigħ il-qalb ta' Cuschieri:

*Miexi u naħseb. Fil-moħba ta' ħsiebi,*
*Rajt jitqalleb bħal baħar ta' dmugħ;*
*Rajtha l-ħajja bħal dgħajsa titbandal*
*Taħt sħab ikreh fis-sema miġmugħ.*

Diwi ta' Rudyard Kipling—darba biss—nisimgħu fil-poeżija tiegħu: "Stenna sa Għada" (Poeżiji). U tfakkrek fil-"Ġgantija" ta' Ġorġ Pisani, li jiġi xi ħames snin ikbar minnu, il-poeżija "Villa Rumana" (Poeżiji). Min iqim awtur jieħu minnu issa ħaġa issa oħra, xi drabi mingħajr ma jrid, l-aktar jekk dil-qima tkun bdiet fiż-żmien bikri tal-ħajja meta l-personalità tagħna bħal frotta mhux misjura tkun għadha qed tistenna l-istaġun tagħha biex issir u tieħu lewnha.

Imma kull poeta, li hu tassew poeta, għandu n-nota li hi tiegħu—in-nota li tagħżlu u tagħarfu minn oħrajn. U Chetcuti għandu n-nota li hi tiegħu wkoll, nota li ħarġet minn ġo fih bħalma ma ħarġet minn ebda poeta Malti ieħor.

Xinhi din in-nota? Imħabba għal-Lsien Malti? Din in-nota tinsab f'kull poeta Malti għax kollha kitbu fi żmien meta lsienna kien immaqdar, u għalhekk bħala reazzjoni kienu jħossu l-bżonn li jfissru r-rabta tagħhom miegħu. L-imħabba għall-Malti mhijiex nota ta' poeta wieħed. Tista' tgħid li hi nota tal-poeti Maltin kollha. Mela xinhi din-nota? Imħabba għal Malta? Lanqas. Għax forsi mhix l-imħabba għal Malta Maltija li rabbiet f'sider il-poeti tagħna l-imħabba għal-Lsien Malti?

In-nota li tagħżel lil Chetcuti, li tagħżlu fost il-poeti l-oħrajn, hija l-Għanja tal-Familja. Hadd bħalu din l-għanja ma għannieha hekk b'mod naturali, u trid tkun missier jew omm

biex tifhem dan li qed ingħid. Imħabba għall-ulied, il-misterju tat-twelid, l-aktar it-twelid ta' l-ewwel tarbija, l-ewwel twerżiqa ta' tarbija ġdida, it-tħassib u d-diqa ta' l-omm li tħobb u tbati, din hija n-nota ta' Ġużè Chetcuti, nota li ebda poeta Malti ma daqqha tajjeb daqsu. Nuri dan li qed ingħid bil-versi tiegħu. Oħtu kien ser ikollha l-ewwel tarbija, u l-ewwel tarbija hija l-ewwel esperjenza tal-misterju tal-maternità li bħal siġra tagħti minn ġisimha ġisem lill-ħajja ġdida, il-ħajja mistennija fis-skiet meta hija titħasseb weħidha, issa ferħana, issa mbeżżgħa fuq is-siegħa li qiegħda toqrob :—

*F'ħajtek ġrajja oħra nkitbet, omm żagħżugħa,*
*Minn qalbek safja daqs kemm safja l-warda*
*Li tiftaħ fi ġnien Mejju.*
*Ġrajja oħra dak in-Nhar issawret minnek,*
*Tlaħħmet u twaħħdet ma' kull jum li jidħak*
*Jew jibki mgħajjeb fuq il-mewġ tal-Ħajja.*
*Kont ilek żmien, għad-dawl ta' lampa ċkejkna,*
*Taħdem u tħabrek. Bi tbissima f'fommok*
*Tara x-xogħol tiela', u tifraħ. Dak il-ħena*
*Kien jixref ta' sikwit f'għajnejk u juri*
*It-tqanqiliet ta' ruħek,*
*Ta' ruħ li qatt ma rat dell ta' mibegħda.*
*Inti kont taf li Min iqis il-ħajja*
*Tal-kotra tal-bnedmin u b'għerfu jliġġem*
*Il-ħarba tas-snin twal, kellu merfugħa*
*Għalik, ja omm żagħżugħa,*
*Ġrajja ħanina li ser tferraħ darek.*
*Inti kont taf, u tamtek kienet kbira,*
*U l-ħrara li ssir omm ma kinetx fqira.*
*Kien qed ibexbex dak in-Nhar: fis-saltna*
*Ta' ħajta dlam u oħra dawl id-dinja*
*Kienet għadha mostura; ir-riħ minn barra*
*Kien qed isellem b'għanja lir-rebbiegħa.*
*F'kamartek ħiemda kien hemm dwal bil-kotra;*
*Fuq wiċċek kellek sfura kiesħa kiesħa,*
*F'għajnejk ħarsa ta' biża',*
*Ħarsa li mtliet bid-dmugħ... 'mma x'inti tibża'?*
*Għax qed titriegħed, qalbek tħabbat qawwi?*
*Tibżax: min ħabb is-Sema jħobbu.*
*Wara l-imrar u x-xewk hemm ward u ħlewwa*
*Hemm milja ta' ferħ kbir bla ħjiel ta' dnewwa.*

*Kien qed ibexbex dak in-Nhar; minn qalbek*
*Harġet f'leħġa ta' mħabba għajta maħnuqa.*
*Fuq wiċċek xtered ġmiel ta' daħka ħelwa,*
*Għajnejk tbissmu ferħana,*
*U d-dmugħ tal-hemm ġo ħarstek f'daqqa siket*
*Xħin għadda b'wiċċ il-ġid is-sħab tan-niket.*
*Haddant ma' sidrek l-ewwel darba f'ħajtek*
*Tarbija tiegħek, frott ta' mħabba safja;*
*Int, dak in-Nhar, ħassejt xi ħaġa tiġbdek,*
*Tqanqlek kollok kemm int u tiegħed demmek,*
*U fraħt imħeġġa u bist lil dak l-Imwieled.*
*Ifraħ, omm twajba, b'dak il-ġmiel ta' tfajjel;*
*Hares lejn wiċċu: l-għaxqa ħa minn wiċċek;*
*Hares f'għajnejh: seħer għajnejk siltulek;*
*Dak l'inti tlabt u xtaqt, Alla taħulek.*

F'dawn is-sittax-il vers li ġejjin "F'Lejla tal-Milied" meħudin mit-tieni ktieb "Melita Invicta", il-poeta jagħtina kwadru sentimentali ta' l-omm li sfat armla fi żmien il-gwerra, kwadru li jfakkrek fis-sentimentaliżmu ta' Edmondo de Amicis.

Il-Milied! It-tarbija ltima minn missierha, imxaħxħa finnieqa, ma taf xejn bil-hemm ta' ommha, hemm kbir li jinġabar f'demgħa ma' xfar għajnejha magħsura mill-qalb tagħha mugħugħa :—

*Fil-kamra, mingħajr ħoss, rieqda t-tarbija,*
*B'idha taħt rasha, bl-oħra fuq ħaddejha,*
*Toħlom bil-ward, bil-ġmiel wis-sebħ tas-sema,*
*U kemm kemm tbexxaq, imbissmin, xofftejha.*

*F'ħoġor it-tieqa tixref l-omm żagħżugħa,*
*Tfittex b'għajnejha lil xi ħadd fid-dlam,*
*Harsitha mkeffna ġewwa star ta' niket,*
*U qalbha, mriegħda, tħabbat... għaliex dam.*

*Fis-skiet u f'dak il-baħħ, b'ilħna tal-fidda*
*Jidwu, ferrieħa, l-qniepen tal-Milied,*
*F'mewġa ta' hena jagħtu l-bxara l-kbira*
*Tas-Sliem li ġieb Ġesù, bla dmugħ u glied.*

* * *

*Tbennen, ħosbiena, l-omm lil bintha ċkejkna*
*Fil-waqt li tmelles xagħarha b'wiċċ idejha,*
*"Missierek ma jiġix" u, mal-ħsieb, demgħa*
*Ta' swied il-qalb tilma fi xfar għajnejha.*

Poeżijiet oħra sbieħ ta' l-istess natura huma "Nadja Vera" (Poeżiji), "Lil Binti" u "Uliedi", l-aħħar tnejn miġjubin fil-"Musa Maltija". Għidt li ebda poeta Malti ma jinterpreta r-rabta tal-missier u l-omm ma' l-ulied daqs Chetcuti. Imma, xi ħadd jista' jistaqsi, Karmenu Vassallo ma kitibx poeżiji lil uliedu wkoll: "Lil Ibni Herman Baruch", "Lil Ibni Oliver Paul", u oħra "Lil Marti"? Kiteb u l-poeżijiet li semmejna huma sbieħ tassew imma, tieħħi xi versi fil-poeżija "Lil Binti" ma tistax issejħilhom interpretazzjoni tal-maternità u tal-paternità imma espressjoni tat-temperament intellettwali tal-poeta, aktar ritratt tal-personalità tiegħu ħajja u bosta drabi qalila milli ritratt tiegħu bħala missier.

Mill-paċi tad-dar għall-għagħa tal-gwerra hemm qabża li, għalkemm hi kbira, tista' ma tkunx akbar mill-ispazju li jbiegħed tieqa minn oħra fil-faċċata ta' l-istess dar. Il-poeta tal-paċi fil-familja messu jgħix bħalna fiż-żmenijiet koroh tal-gwerra, u kiteb għalhekk ħafna poeżijiet imqanqlin mit-taqtigħ il-qalb tal-gwerra li għal tliet snin bu għex ma' l-eluf ta' Maltin fit-triqat jew fuq xogħlu, inkella ġo xi kenn waqt l-attakki mill-ajru — sigħat ta' biża' u qlubija imma dejjem ta' taqtigħ il-qalb meta ħadd ma kien jista' jgħid jekk kienx hemm miktub għalih li siegħa wara kellu jibqa' mal-ħajjin, iġarrab u jbati magħhom inkella jmut maqtul u jsib l-aħħar mistrieħ fit-trab tal-ħerba. Sigħat koroh tassew għall-missier li jħobb 'l uliedu, u kif rajna l-poeta lill-familja tiegħu jħobbha ħafna, qiegħda f'qalbu bir-ruħ, bid-demm u bil-laħam tagħha kollu.

Għalhekk il-biċċa l-kbira tal-poeżiji fit-tieni ktieb "Melita Invicta" waħda ma' l-oħra jfakkru l-akbar ġrajjiet li Malta għaddiet minnhom u li, flimkien, jagħmlu l-epopea Maltija tat-tieni gwerra tad-dinja li l-qarrejja ta' għada għad jaqraw b'imħabba u jitgħallmu minnha x'ħass il-poplu Malti fl-ikbar siegħa ta' ħajtu.

Nistaqsu: Hemm rabta bejn il-poeżija tal-gwerra u l-poeżija tal-familja? Hemm rabta kbira. Int u taqra tara li hu l-istess poeta li qed jikteb. Bħal bniedem li fid-dar tiegħu għandu żewġ twieqi li jħarsu għal barra, u waħda tħares fuq ġnien u l-oħra fuq xagħri, il-poeta tagħna jħares miż-żewġ twieqi tar-ruħ tiegħu, waħda li minnha jara l-intimità tal-ħajja familjari u l-oħra l-ħruxija ta' gwerra li thedded u toqtol il-familja. L-istess qalb poetika li tifraħ bil-hena tal-familja, titbeżża' u titwerwer meta tara t-theddida ta' dak il-hena li hi tgħożż aktar mill-ħajja. In-nota

tal-poeżiji tal-gwerra ta' Chetcuti mhi qatt marzjali; qatt ma tisimgħu jħeġġeġ għall-gwerra, aktar tisimgħu jitbekka l-ħsarat tagħha, jixtieq għal darb'oħra l-għaqda tal-familji. Nota waħda hemm fil-poeżiji tiegħu: niġġieldu bit-tama tar-rebħa għax jekk l-għadu jirbaħ dik il-libertà li aħna nħobbu nitilfu kollox sa l-hena tal-familja, imma fl-istess ħin nitolbu 'l Alla jqarrab u jwassal il-jum tal-paċi,

*"li tgħix f'ħajja ħielsa*
*ta' ħajr u ta' dija".*

Mill-poeżiji tal-gwerra laqtuni l-aktar "Melita Invicta", "Jum ir-Rebħa", "Bniedem Wieħed", "Min Int?", "Lill-Ġermanja", "Arnhem", "Lacrymae Belli" u oħrajn. Mhux għax l-aħjar imma għax għandhom nota profetika. Niċċita dawn il-versi li ġejjin mill-poeżija "Ġermanja" li, ma għandniex ninsew li nkitbet meta l-Ġermanja Nażista kienet fl-aqwa tagħha, donnu ħadd ma jista' għaliha, meta Herr Hitler kien qisu l-bniedem destinat biex ijassar id-dinja kollha :—

*Fejn sejra, ja belha? x'int togħla? x'int tikber?*
*Għax miexja sultana fuq art li mhix tiegħek?*
*X'int tidħak xħin tara tiċċarċar id-dmija?*
*Fil-qerq u fil-ħażen għax qiegħda titmiegħek?*
*Mhux sewwa. T'għamilek għad taħsad il-ħsara.*
*Id-demm bid-demm tħallsu. Id-dinja tkun xhieda:*
*Ġermanja, Ġermanja, fit-trab għad tiġġarraf,*
*Maħqura w imsawta għad tisħet dil-Ġlieda.*

Il-profezija tal-poeta seħħet mija fil-mija. Il-Ġermanja darba waħda mkabbra f'saħħitha, issa titmiegħek ma' l-art tilgħaq it-trab ta' għarqub l-egħdewwa tagħha.

Chetcuti jafha tajjeb sengħet il-versi — jibnihom mingħajr tqanżiħ, u l-ħlewwa tar-ritmu tegħleb il-ħruxija tal-kliem Malti li l-ħoss tiegħu aħrax għadu ma qagħadx għal kollox għar-rażan ta' l-arti. Il-versi ta' Chetcuti jafu triqthom, isibuha malajr bħalma għawwiem isib malajr il-blata mnejn qabeż igħum qama wara qama. Hekk Chetcuti ritmu wara ritmu jsib bla tbatija l-ħlewwa tal-versi li jlibbsu l-idejat. Ukoll meta l-frażi u l-kelma huma mikduda għax mhux oriġinali, il-vers ma jitkaxkarx. Kull vers ġismu ħafif isib triqet il-ħlewwa bħal ġisem is-serp li jgħaddi minn ġo ħaxix sfiq mingħajr ma jitlef triqtu. It-teknika tal-versi ta' Chetcuti hija mill-aħjar, u għalkemm it-teknika tal-vers mhijiex ir-ruħ tal-poeżija bħalma l-forn mhuwiex in-nar

ta' ġo fih, hi madankollu l-libsa xierqa ta' l-ispirazzjoni magħmula versi. Issa hekk kif il-libsa sabiħa tgħatti l-għera talġisem hekk ukoll it-teknika tista' tgħatti l-għera ta' l-ideja li tista' tkun profonda jew superfiċjali. Għalhekk il-periklu tatteknika tajba hu li ħafna drabi tgħatti wisq, tgħatti sa s-superfiċjalità tal-ħsieb; sewwa sew kif libsa meħjuta tajjeb tgħatti l-irquqija tal-ġisem u tal-muskoli tiegħu, tgħattih u tostru millgħajnejn billi tiġbed l-attenzjoni fuqha.

Għalkemm nammettu dan kollu jibqa' minnu li l-ħdim u t-tirqim tal-versi sakemm jiġu jdoqqu ħelwin fil-widna li togħġobha l-ħlewwa u tkiddha l-ħruxija ma tistax issir mingħajr itteknika tajba. Forsi l-armonija mhijiex il-bażi ta' kull arti u l-mużikalità waħda mill-aktar elementi importanti ta' l-armonija?

Wara li għidt dan kollu nista' nlaqqa' flimkien iż-żewġ karatteristiċi l-aktar importanti ta' Chetcuti. Dawn huma dwar l-ispirazzjoni, l-aqwa l-imħabba tal-familja; dwar it-teknika, l-armonija u l-mużikalità tal-versi.

Studju dettaljat tal-prosodija tiegħu juri li ħaddem varjetà ta' metri tradizzjonali, u li bħall-poeti l-oħra Maltin Chetcuti qatt ma esperimenta bil-vers modernist li bħalissa hu l-aktar mexxej fil-kitba tal-poeżija Ewropea imma li d-destin tiegħu għad mhux magħruf billi mħabba l-oskurità tal-ħsieb il-moderniżmu tat-teknika hemm min jaħseb li m'għandux ħajja twila kif ukoll hemm min jaħseb li hu l-akbar u l-aħħar żvilupp wara l-versi tradizzjonali. L-aktar li jitbiegħdu l-poeti Maltin, u bħalhom Chetcuti, hu sal-versi mħallta li lanqas tista' tgħidilhom modernisti għax it-taħlit tal-metri nsibuh ukoll fil-versi tradizzjonali.

Kull teknika hija importanti sew jekk hi tradizzjonali sew jekk hi moderna. Imma hekk kif il-libsa mhix aktar importanti mill-ġisem li tgħatti u lanqas daqsu, hekk ukoll it-teknika mhix aktar importanti mill-ispirazzjoni u lanqas daqsha. L-ispirazzjoni hi l-leħma tal-poeta li tixbah lin-nar. Issa hekk kif in-nar jaqbad mill-kebs hekk ukoll l-ispirazzjoni taqbad mill-ħsieb. U l-ħsieb, kif tafu, huwa l-filosofija tal-ħajja. Il-ħsieb, għalhekk, huwa l-għareb tal-personalità tagħna; il-ġebla li fil-bini żżomm oħrajn magħha u fuqha. Kull poeta għandu l-ħsieb tiegħu, u minn dal-ħsieb li jħaddimlu moħħu u jqanqallu qalbu kull poeta ġenwin jiġbed l-ispirazzjoni tiegħu. Il-poeta impersonali huwa ħrafa daqs kemm huwa ħrafa l-bniedem bla personalità.

Xinhuwa l-ħsieb ta' Chetcuti fuq il-ħajja, dak il-bir fond li minnu l-umanità tarfa' l-esperjenzi tagħha, esperjenzi li tagħmilhom gwida u duttrina tal-ħajja? F'waħda mill-ewwel poeżiji tiegħu Chetcuti ħares 'il quddiem lejn il-ħajja li kienet għadha qed tikber, il-ħajja ħabrieka u intelliġenti li tibda wara li nkunu qbiżna t-tfulija li ma tafx taħseb, u fl-aħħar żewġ stanzi ta' din il-poeżija "Fil-Baħar tal-Hajja" għanna :—

*Jien ngħix: tal-jiem, tax-xhur, tas-snin il-mewġa*
*Tgħaddi u tħarbat kulma ssib quddiemha;*
*Jien nikber, nikber, u minn fuqi l-gewġa*
*Tal-ħalel tgerbeb, xejn ma tħoss indiema.*
*Raqdet ġo fija, mietet f'ruħi, l-ħila*
*Tat-tifel ċkejken, mietet magħha s-sliema.*
*Issa din ħajti, u issa dan għamilha,*
*Għalija x'jiswew qatt? Kuljum id-dnewwa*
*Nħossha tiżdied, kuljum toktor l-għedewwa.*
*Imma rrid ngħixha din il-ħajja. Jiena*
*Habbejt u rgħext, 'ma nħabbti baqgħet sħiħa.*
*Għaddew is-snin, bħal ħafna rjieħ qalbiena,*
*Minn ruħi ma ħassrux l-għanja sabiħa*
*Ngħix sabiex ngħajjex lilha, nibqa' nqimha*
*Lill-Musa tiegħi, ta' kull ħsieb nebbieħa.*
*Hi demmi, riżqi! hija biss tbissima*
*Titbissimli sikwit: ħlewwiet qawwija!*
*Hi d-dawl u l-ġmiel u l-ġid, il-Poeżija.*

Minn dawn iż-żewġ strofi tinħass sewwa n-nota ta' swied il-qalb li sal-lum qatt ma ħalliet lill-poeta. Tabilħaqq, swied il-qalb hija n-nota tal-biċċa l-kbira tal-poeti tagħna, forsi wkoll tal-biċċa l-kbira tal-poeżija tad-dinja. Għax il-ħajja xħin tqisha kollha kemm hi hija aktarx esperjenza morra, u l-konflitti spiritwali tagħha li qatt ma negħelbuhom għal kollox, lanqas bit-tazza tħammar ta' l-inbid ta' Omar Khayyam, sa fl-aħħar jegħjuna. Għal din in-nota ta' swied il-qalb ġibidli l-attenzjoni wieħed li m'għandu ebda sehem fil-letteratura Maltija, u li meta qara xi poeti u prożaturi Maltin, kif qalli, baqa' impressjonat kemm il-kittieba Maltin huma nies qalbhom sewda—qajla ferrieħa.

Nota ta' niket isserrep fil-kotra tal-għana ta' Chetcuti. Isimgħuha "Fid-Dlam tal-Lejl" :—

*Lejla, lejla mudlama,*
*ismagħha t-tnehida ta' ruħi:*
*tlift kull ħajr, tlift kull tama;*
*ma najx x'tiswieli l-ħajja;*
*bħal dell iswed urajja,*
*id-dell tax-xejn tiegħi*
*ma' tul it-triq imwiegħra jiġri miegħi.*

Fil-poeżija "Minn Dawl il-Qalb" moħtara lill-mara li kellha tkun martu għandna bħal star nofs mikxuf minn fuq il-ħajja ġewwenija tiegħu. Għidt: 'nofs mikxuf'. Le, għax ftit huma l-poeti li jikxfu mqar nofs il-ħajja ġewwenija tagħhom. Kemm kemm jiġbdu l-purtiera, kemm kemm, daqs kemm igħaddi xaqq dawl li jaqta' d-dalma ta' wara l-istar. Daqshekk biss kixef minn ħajtu Chetcuti fil-poeżija tiegħu, u daqshekk ukoll kixfu minn ħajjithom ħafna poeti oħra, għax il-misteri tal-ħajja — it-trijonfi u l-umiljazzjonijiet tagħha — jinżlu f'qalbna u jibqgħu hemm bħala tifkira kerha ta' dwejjaq li nixtiequ ma nitkellmux fuqhom u li meta nsemmuhom nixtiequ li ħadd ma jkun jaf bihom. Dawn l-umiljazzjonijiet huma l-piż tal-memorja ta' kull wieħed minna. F'dawn l-erba' kwartini li ġejjin Chetcuti jħalli xaqq dawl jaqa' fuq il-ħajja tiegħu l-imgħoddija, ħajja li tefgħet id-dell tagħha fuq il-futur:—

*Bħal min quddiemu għandu telgħa twila*
*u mwiegħra x'jirbaħ, w għadu kemm kemm bdieha:*
*kull waqt, għajjien, iħoss tonqoslu l-ħila,*
*għax jilmaħ nieżla x-xemx minn tar-rebbiegħa;*

*'Mma meta tikbes, bajda kemm ferrieħa,*
*fi triqtu d-dija, jarġa' bi tbissima,*
*jissokta t-telgħa, w jimxi b'qalb mistrieħa,*
*ħieles mill-għawġ, mill-ħqir, minn kull tilwima.*

*Hekk ġrali jiena. Ġew waqtiet, bla sabar,*
*ħabbtu ma' wiċċi, mqita, l-eħrex ġrajja,*
*u xtaqt is-skiet, u xtaqt is-sliem tal-qabar,*
*għax x'nista' niswa jien f'dal-ġenn ta' ħajja?*

*'Mma x-xewqa waqqgħet bħal ma taqa' werqa*
*minn siġra mneżżgħa, xħin bħal dawl ferraħni*
*ta' ġid, ta' riżq li jien għożżejt bil-ħerqa:*
*ħabbejt kif tħobb il-qalb: dad-Dawl rebaħni.*

L-imħabba ssaffi u tirbaħ, tirbaħ id-dwejjaq ta' l-imgħoddi u tifdi l-futur. Din hi l-imħabba li taffiet id-dwejjaq tal-poeta tagħna li bħall-poeti l-oħra Maltin ħareġ il-poeżija tiegħu bħannar minn qalbu meta l-kelma Maltija kienet immaqdra u mżebilħa; meta sa bejn il-ħbieb tal-Malti mhux dejjem kien hemm qima sħiħa wieħed għall-ieħor; meta, kif għadu sal-lum, it-talent nazzjonali mhuwiex rispettat għax għadha ma spiċċatx minn fostna l-idolatrija tal-medjokrità li l-inċensieri tal-faħħarin bla ras jew bla prinċipji jaħarqu l-bħur quddiemha.

Billi semmejt kemm-il darba li Chetcuti huwa poeta ta' swied il-qalb ma rridx f'dil-kitba nħalli l-impressjoni li huwa pessimist. Chetcuti mhux pessimist. Allaħares kull bniedem imnikket kien pessimist. Il-pessimist hu bosta drabi fonqla, bniedem li ma tikkuntentah b'xejn.. Ir-riħ jonfoħlu fil-qala' u jara kollox ikrah. Bħalma kien Thomas Hardy. Chetcuti hu bniedem tal-familja; imnikket mill-għira u l-ġlied ta' bejn il-Maltin, qalbu tixgħel bid-dawl tal-qima għal dawk li jiġġieldu għall-ħaqq u għas-sewwa, għajnejh dejjem 'il quddiem lejn żmien aħjar.

Bħall-poeti Maltin l-oħra hu poeta reliġjuż, kif wera ruħu l-aktar fil-poeżija tiegħu "Ave Maria" wara l-Kungress Marjan imnebbħa mil-Lejl Qaddis. Għal Chetcuti li jitnikket u fl-istess ħin iħares 'il quddiem mimli bit-tama jgħoddu ħafna l-aħħar żewġ stanzi fl-għeluq tal-poeżiji tiegħu fil-ktieb "Melita Invicta":—

*Dan hu ż-żerniq ta' ħajja isbaħ w akbar*
*Minn dik li għixna f'dan il-wied ta' demm.*
*Is-sħab ma jergax jgħatti x-xemx tal-paċi*
*U f'ruħna d-dawl tas-sliem qatt ma jintemm,*

*Jekk nirbħu l-għira w neqħelbu l-qerq u l-ħażen*
*U nibqgħu ngħożżu l-wegħda tal-mejtin,*
*Jekk ma ninsewx l-infern ta' waħx li rajna,*
*Jekk ngħixu ta' bnedmin fost il-bnedmin.*

U hekk intemm il-kwadru letterarju ta' Ġużè Chetcuti, poeta tal-familja u tal-ġrajjiet tat-tieni gwerra tad-dinja li għal tliet snin ħarbtu s-sliem u l-hena ta' l-ommijiet, tal-misserijiet u ta' l-ulied li hu għanna hekk tajjeb fil-poeżijiet tiegħu sbieħ.

Apprezzament letterarju li għandu jferraħ lill-poeta tagħna hija l-poeżija ta' l-akbar poeta tagħna Dun Karm li ssemmi fil-

versi l-ġmilijiet fil-poeżija ta' Chetcuti li aħna innotajna f'dan l-istudju.

Nagħalqu dan l-istudju b'din il-poeżija, l-iktar għeluq xieraq għall-kitba tagħna fuq Ġużè Chetcuti :—

*Qrajt u tgħaxxaqt, ħabib, bil-versi tiegħek*
*Herġin minn qalb fil-ħeġġa taż-Żgħużija,*
*Għax rajtha tbusek u titgħannaq miegħek*
*Helwa l-Kelma Maltija.*

*Smajtkom tgħannu flimkien il-Ġmiel li jżejjen*
*Bil-Ward u Żahar lil din l-Art Hanina,*
*u r-Rieda ta' l-azzar li taf ixxejjen*
*Il-Holm ta' Qalb ħażina.*

*Smajtkom ukoll titniehdu fuq il-ħsara*
*Li xerrdu, kiefra! fuq din l-Art l-għedewwa;*
*'Mma l-biki tbiddel f'Għanja kollha ħrara*
*Ta' Rebħ il-Haqq u s-Sewwa.*

*U fuq in-nieqa ta' Tarbija ċkejkna*
*Liema għaqal ta' ħsieb u x'kelma rżina!*
*Fil-waqt li l-Omm bejn ferħ u biża' mxejkna*
*Titlob sikta ħanina!*

*Għannejtu l-Holma tal-Milied, il-Wegħda*
*Tal-Paċi u l-Qalbenin li ssieltu għaliha;*
*Il-Waħx ta' Bniedem wieħed u l-Mibegħda*
*Ta' l-art li tnissel fiha.*

*F'kollox qalb safja minn kull għajb ta' għira,*
*Hsieb ħaj li jemmen li fuq kollox Alla,*
*U Talb li tidher fuq dil-Gżira żgħira*
*Tas-Sliem tiddi l-Qawsalla.*

*Agħnet issa 'l quddiem, żomm fehma sħiħa,*
*Liġġem bil-Hsieb il-lbit tal-Fantasija;*
*Hekk nisimgħu maż-żmien kbira u sabiħa*
*Il-Għanja tar-Rġulija.*